**QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 26 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 214 / 14 RGM

Kawza fil-lista: 13

**S F**
**vs**
**X F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-3 ta' Gunju 1995 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal T u R, ahwa F li twieldu fit-22 ta' Frar 1996 u fit-30 t'Ottubru 1998 rispettivament;

2. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser minhabba adulterju, sevizzi, theddid u ingurji ohra da parti tal-konvenuta fil-konfront tal-attur hekk kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

3. Illi jinghad li l-konvenuta ilha ghal dawn l-ahhar snin tghix hajja ta' xebba u tohrog u ddum sas-sieghat bikrin ta' filghodu u thalli lill-attur warajha bit-tfal id-dar. Illi minn naha l-ohra l-attur dejjem ra kif jaghmel sabiex jhallas l-kontijiet tad-dar u tal-bzonnijiet tal-familja;

4. Illi l-komportament tal-konvenuta assolutament ma huiex il-komportament ta' mara mizzewga u omm ta' zewgt itfal li ghandhom bzonn il-kura u l-attenzjoni taghha. F'dawn l-ahhar snin, u b'mod partikolari

f'dawn l-ahhar xhur, il-konvenuta qieghda taghti importanza ezagerata lill-hrug u d-divertiment taghha u tinsisti mal-attur, meta huwa jilmenta dwar il-hrug u d-dizattenzjoni taghha ghad-dar u t-tfal, illi hija darba ser tghix;

5. Illi l-attur akkwista l-fond li jinsab gewwa 164, Mistral, Triq l-Ghaqda, Santa Maria Estate, Mellieha, liema fond huwa meqjus bhala d-dar matrimonjali, madwar sentejn qabel iz-zwieg u dina l-propjeta' ghalhekk m'ghandhiex titqies bhala formanti mill-komunjoni tal-akkwisti jew altrimenti bhala l-propjeta' komuni tal-kontendenti;

6. Illi l-konvenuta qeghda ukoll regolarment tassocja ruhha ma' persuni ohra f'cirkostanzi fejn l-attur gustament jissusspetta illi l-konvenuta hija hatja ta' adulterju;

7. Illi l-konvenuta illegalment approprijat ruhha jew zammet ghandha jew ghand terzi maghzula minnha diversi oggetti, uhud minnhom ta' valur kbir illi thallew fil-pussess taghha bi qbil bejn il-kontendenti u sabiex jigi salvagwardjat mill-pretenzjonijiet illeciti tat-terzi. L-imsemmija oggetti jappartjeni lill-kontendenti kommunament lill-attur parafernalment jew jappartjenu lill-familjari tal-attur u kienu biss fil-pussess tal-istess attur, jew tal-kontendenti b'titolu ta' self jew depozitu jew titolu iehor gratuwitu illi ma jgibx it-trasferiment tal-propjeta;

8. Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din il-kawza ta' separazzjoni kontra martu b'digriet moghti f'dan is-sens minn dina l-Onorabbli Qorti, fis-26 ta' Mejju 2014 illi gie estiz u pprorgat b'mod illi baqa' fis-sehh.

Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda.

2. Tawtorizza lill-attur illi jghix separat mill-konvenuta martu.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-imsemmija tfal T u R, tigi fdata lill-attur, salv l-access tal-konvenuta illi jigi ezercitat fil-granet u l-hinijiet illi jigu appozitament stabiliti mill-Qorti.

4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur zewgha, dik ir-retta alimentara xierqa u adegwata ghall-htigijiet tal-imsemmija tfal T u R

ahwa F, illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet tal-istess tfal, pagabbli mill-konvenuta lill-istess attur zewgha fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti.

5. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur zewgha, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet tal-attur, pagabbli mill-konvenuta lill-istess attur zewgha fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur minnflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attur ikun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenuta.

6. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

7. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni kollha dotali u parafernali tieghu u separatament tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.

8. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex telenka dettaljatament id-diversi oggetti, li jinkludu ghamara, dehbijiet gojjellerija u oggetti tal-fidda illi qabel kienu jinsabu fid-dar konjugali u detentuti mill-kontendenti illi hija hadet fil-pussess taghha fl-epoka meta hija telqet mid-dar konjugali u tordna lill-istess konvenuta tirritorna l-oggetti, dawk komuni jigu inkluzi fost dawk li ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet skont kif mitlub f'din il-kawza filwaqt illi dawk li jippartjenu lill-attur parafernalment jew lill-familjarji tal-istess attur, jinzammu mill-attur, bl-obbligu illi jikkonensjhom lill-propjetarji taghhom skont il-kaz.

9. Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tal-attur u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess attur kontra l-kommunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti.

10. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-kommunjoni tal-akkwist jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stability minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuti billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni

mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att. Kontestwalment mal-imsemmija likwidazzjoni u divizjoni, il-Qorti hija ukoll mitluba, sabiex bil-ghan illi l-pretenzjonijiet reciproci tal-kontendenti jigu definittivament likwidati f'gudizzju wiehed tillikwida l-krediti vantati mill-kontendenti kontra xulxin jew kontra l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, ixxolji kull kommunjoni tal-propjeta ezistenti bejn il-konjugi tordna l-qasma skond il-Ligi tal-propjeta hekk kommunament posseduta b'mod illi tali likwidazzjonijiet u divizjonijiet ulterjuri jsiru kontestwalment mal-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-gid formanti l-istess kommunjoni tal-akkwisti.

11. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata mill-attur flimkien mal-imsemmija tfal T u R, bl-eskluzjoni tal-konvenuta.

12. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalemt moghtija minn dina l-Qorti.

13. Tordna li l-konvenuta tigi pprojbita milli tkompli tuza l-kunjom F izda tirreverti ghal kumnjomha ta' xebba.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi ma toppinix ruhha ghall-ewwel talba limitatament ghal-pronunzja tas-separazjoni personali pero topponi ruhha li tali pronunzja ghandha tkun imputabbli lilha u mhux lill-istess attur u ghalhekk m'ghandhiex tigi stabbilita d-data imsemmija f'din it-talba jekk mhux fil-konfront tal-istess attur kif qed jintalab fl-annessa kontro-talba.

2. Illi ma topponix ruhha ghat-tieni talba.

3. Illi in kwantu ghat-tielet talba, din hija irrelevanti fir-rigward it-tifla T peress li din hija maggorenni, Fir-rigward tat-tifla minuri R, l-eccipjenti tirritjeni li jkun iktar fl-interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja taghha tkun fdata f'idejn l-esponenti.

4. Illi r-raba talba, inkwantu tirreferi ghat-tifla minuri R (stante li T hija maggorenni) ghandha tigi michuda sija jekk tintlaqa it-tielet talba u sija minhabba il-mezzi tal-istess iccepjenti paragunati ma' dawk tal-attur – liema l-ahhar eccezzjoni ghandha tapplika wkoll fil-kaz li t-tifla T tkun tistudja full time sal-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena.

5. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda ghaliex l-attur iddekada mid-dritt li jircievi manteniment minghand l-eccipjenti kif qed fil-fatt jintalab fil-kontro-talba.

6. Illi s-sitt talba ghandha tigi michuda ghall-istess ragunijiet imsemmija fl-ewwel u hames eccezzjoni.

7. Illi s-seba talba hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

8. Illi inkwantu ghat-tmien talba, tali talba hija superfluwa u insostenibbli. Bla pregudizzju, l-eccipjenti ma hija qieghda izzomm ebda oggetti illeglament u lanqas qieghda izzomm xi oggetti parafernali ta' zewgha jew li jappartjenu lil terzi.

9. Illi l-eccipjenti tissottometti li d-disa talba ghandha tigi michuda ghaliex l-attur ma jivvanta ebda krediti parafernali, semmai hija l-komunjoni tal-akkwisti li tivvanta krediti kontra l-istess attur.

10. Illi fir-rigward tal-ghaxar talba relattiva ghal likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, l-eccipjenti ma topponix ruhha ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni u tal-effetti posseduti komunement bejn il-partijiet b'dan li tali likwidazzjoni pero ghandha ssir kif mitluba mill-eccipjenti fil-kontro-talba u b'dan ukoll li d-dar matrimonjali ghandha tigi meqjusa li tappartjeni liz-zewg partijiet f'iqsma ndaqs bejniethom.

11. Illi toggezzjona ghal hdax it-talba stante li ma hemm ebda raguni ghalfejn id-dar taz-zwieg ghandha tibqa okkupata mill-attur u m'ghandhiex tinbiegh.

12. Illi topponi ghall-ispejjez tat-tnax it-talba stante li din hija superfluwa u mhux mehtiega.

13. Illi topponi ruhha ghat-tlettax it-talba stante li ma jezisti ebda pregudizzju kemm il-darba l-eccipjenti taghzel li zzomm kunjomha fiz-zwieg.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:

1. Illi l-partijiet bdew johorgu flimkien madwar sitta/seba snin qabel iz-zwieg meta l-esponenti kien ghad ghandha biss sittax (16)-il sena u tgharsu sentejn qabel izzewgu. Ftit wara li bdiet tohrog mal-attur, l-esponenti tant hadet ir-relazzjoni bis-serjeta li accettat, anke fuq insistenza tal-attur, li tibda tatih il-paga kollha taghha sabiex ifaddalielha bil-ghan li eventwalment

jixtru id-dar taz-zwieg flimkien bejniethom. Apparti l-impjieg regolari taghha, hi spiccat li anke bdiet tmur tghin lill-attur fin-negozji tieghu wara l-hin sa tard filghaxija.

2. Illi wara xi snin, anke bil-flus mfaddla taghha, il-partijiet kienu sahansitra ffirmaw konvenju sabiex jixtru maisonette f'San Gwann izda ma ffinalizzawx l-akkwist peress li l-attur wera preferenza li jakkwistaw l-art fil-Mellieha li fuqha nbniet id-dar matrimonjali taghhom, liema art giet akkwistata mill-attur anke f'isem l-esponenti. Id-dar hadet erba (4) snin biex titlesta bl-isforzijiet taz-zewg partijiet.

3. Illi wara z-zwieg l-esponenti baqghet tahdem regolari ma' terzi sakemm l-ewwel tqala ippermettitilha. Minn hemm 'il quddiem hija spiccat trabbi liz-zewg uliehda u tahdem mhux ufficjalment fin-negozju ta' zewgha.

4. Illi b'xokk kbir matul l-ewwel tqala taghha ftit wara z-zwieg, l-esponenti skopriet li zewgha kien bi-sesswali bi preferenza accentwata lejn l-irgiel. Ghalkemm zewgha beda jevita jkollu rapport sesswali mal-esponenti, hija rnexxielha terga tohrog tqila minnu ghat-tieni darba izda f'April 1999 huwa gie djanostikat li kellu l-marda 'Hepatitis B' li hija marda trasmessa minn raporti sesswali ma' rgiel ohra.

5. Illi minhabba t-trobbija tat-tfal, l-esponenti ghazlet li ma tfarrakx iz-zwieg li bdiet thoss li ma kienx jezisti iktar u kompliet tissokkombi ghal hajja matrimonjali bla imhabba u spiccat issofri minn hafna problemi f'sahhitha.

6. Illi ghalkemm l-esponenti baqghet tghin lil zewgha fin-negozji tieghu, huwa dejjem zammha njota ghat-tahwid li beda jaghmel fin-negozju, specjalment fil-kumpannija Golden Travel Club Ltd (li kienet tiggestixxi n-negozju taghha taht l-isem 'Fantasy Tours') li taghha hija qatt ma kienet direttrici jew rapprezentanta legali jew gudizzjarja. Tali tahwid minn zewgha sahansitra wassal li l-Qorti, fi Frar 2014 ordnat ix-xoljiment ta' din il-kumpannija u hatret lil Av. Richard Galea Debono bhala amministratur taghha u, minhabba id-dejn ufficcjalment registrat fil-kotba tal-kumpannija (dejn li l-esponenti tiddubita li jezisti), il-fond matrimonjali tal-partijiet ser jispicca jinbiegh bis-subbasta a skapitu tal-esponenti.

7. Illi minhabba l-pubblicita li laqtitha minhabba li hija kienet registrata bhala azzjonista tas-socjeta imsemmija fil-paragrafu precedenti, l-esponenti spiccat titlef l-impjieg tajjeb u redditizju li kellha (li kien ghadu fil-fazi probatorju tieghu) u issa qed tisforza sabiex taqla kemm tghix filwaqt li zewgha baqa ghaddej qisu ma gara xejn u jippercepixxi dhul tajjeb u

regolari minn negozji l-ohra tieghu, inkluz il-kirjiet ta' farmhouses gewwa Ghawdex.

8. Illi minhabba biza minn agir minaccjatorju ta' zewgha u anke biza mill-kredituri tal-Fantasy Tours, l-esponenti giet kostretta titlaq mill-fond matrimonjali. Inoltre minhabba nuqqas ta' mezzi finanzjarji, hija kellha thalli lil uliedha jkomplu jghixu mal-attur.

Jghid ghalhekk l-attur ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attur.

2. Tiddikjara li l-attur iddekada mid-dritt li jircievi manteniment minghand il-konvenuta.

3. Tikkundanna lill-attur sabiex ihallas manteniment xieraq skond il-ligi lil konvenuta ghaliha nnifisha bil-modalita ta' gurnata lok u hin li jigu stabbiliti.

4. Tafda lill-konvenuta l-kura u kustodja legali tat-tifla minuri tal-partijiet R F.

5. Fil-kaz li tintlaqa it-tielet talba, tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta manteniment xieraq ghall-imsemmija tifla minuri R, sija sakemm din issir maggorenni u sija sakemm din taghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena kemm il-darba tkompli bl-istudji taghha full time u tibqa tirrisjedi mal-konvenuta.

6. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha b'mod li tapplika kontra l-attur il-provvediment tal-artikolu 48(1)(b) u (c) tal-Kodici Civili nkluz li f'tali sens tistabbilixxi data meta l-istess attur ghandu jigi meqjus li kien hati tal-firda, u prevja occorrendo wkoll dikjarazzjoni li l-fond matrimonjali jappartjeni liz-zewg partijiet b'mod ugwali ndivizament bejniethom.

7. Tiddikjara li l-attur iddekada mid-drittijiet kontemplati fl-artikolu 48 (1)(a) tal-Kodici Civili.

8. Tikkundannah jirritorna lill-konvenuta l-beni parafernali ossia dotali taghha jew fin-nuqqas ihallasha dik is-somma li tigi likwidata bhala rapprezentanti l-valur tal-istess beni.

Rat ir-risposta tal-attur ghall-kontro-talba li taqra kif gej:

1. Illi l-azzjoni hija nsostenibbli peress illi l-perjodu ta' awtorizazzjoni illi fih setghet giet pprezentata din l-istanza ghalaq spicca;

2. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni personali b'dana pero illi kienet l-istess konvenuta illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma huiex minnu illi l-attur b'xi mod ta lok ghas-separazzjoni personali kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi t-tieni talba hija opposta bhala inveritjera. L-eccipjent qatt ma tista jitqies illi b'ghemilu iddekada mid-dritt tieghu illi jircievi l-manteniment minghand il-konvenuta martu.

4. Illi t-tielet talba hija opposta bhala inveritjera. L-eccipjent qatt ma tista jitqies illi b'ghemilu iddekada mid-dritt tieghu illi jircievi l-manteniment minghand il-konvenuta martu.

5. Illi r-raba u l-hames talba huma opposti stante illi huwa fl-interess illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri R tkun fdata f'idejn l-attur missierha b'dan illi l-konvenuta ommha ghandha jkollha l-access ghat-tifla minuri li jirrifletti ukoll il-htigijiet tat-tifla, ix-xewqat taghha u l-impenji socjali u edukattivi taghha; L-eccipjent jrid ukoll illi l-access ikun ezercitat skont granet u hinijiet iffissati mill-Qorti, naturalment wara smiegh tal-partijiet u okkorrendo tat-tifla.

6. Illi sitt talba dwar xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti mhijiex opposta, b'dana pero illi jigi kkonsidrat illi kienet l-istess konvenuta illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti.

7. Illi s-seba talba hija opposta stante illi l-attur ma kienx hati tat-tifrik taz-zwieg u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ligi citati mill-konvenuta kontra l-attur.

8. Illi t-tmien talba hija opposta bhala inveritjera. L-attur ma huwiex fil-pussess ta' kwalunkwe gid tal-konvenuta.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2015 fejn il-Qorti nnominat bhala medjatur il-Perit Mario Axisa biex jaccedi fil-fondi fil-Mellieha u f'Ta'Xbiex biex jiltlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar il-mobbli kollha li gew deskritti fil-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 9/15;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2015 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Stefano Filletti bhala perit legali;

Rat ir-rispota tas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) tas-17 ta' Frar 2015 li minnha jirrizulta li l-Villa 'Mistral' 164 Triq il-Ghaqda, Mellieha giet liberata favur il-Bank, in forza tal-bejgh in Subbasta tal-4 ta' Novembru 2014, Subbasta Numru 103/2013;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Stefano Filletti mahlufa fil-11 ta' Lulju 2017;

Rat illi l-kawza tinsab differita ghallum ghas-sentenza.

IL-PROVI.

Il-provi tal-attur huma limitati ghad-dikjarazzjonijiet tieghu fir-rikors guramentat u fir-risposta tieghu ghall-kontrotalba tal-konvenuta. Ezebixxa c-certifikat taz-zwieg tal-partijiet, Dok A; c-certifikat tat-twelid ta' binthom T, Dok B; c-certifikat tat-twelied ta' binthom R, Dok C u l-kopja tad-digriet li bih gie awtorizzat jipprocedi b'din il-kawza, Dok D. Dawn id-dokumenti gew annessi mar-rikors guramentat.

B'verbal registrat fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2015,[1] l-attur nghata l-fakolta' li jipprezenta affidavit dwar il-mertu kollu tal-kawza sal-4 ta' Mejju 2015, izda l-attur baqa' ma pprezenta l-ebda affidavit.

B-rikors tat-8 ta' Marzu 2016, Fol 74, il-Perit Legali talab direzzjoni lill-Qorti dwar il-prosegwiment tal-kawza u b'digriet tal-11 ta' Marzu 2016, Fol 75, il-Qorti ordnat li tinzamm seduta fix-xahar ta' April 2016 b'dan li jekk l-attur ma jidhirx il-Qorti tikkonsidra li ma ghadx ghandu interess fil-kawza. Ghalkemm nzammet s-seduta skond l-imsemmi digriet, l-attur baqa' qatt ma attenda ghall-ebda seduta.

Fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2016, mizmuma mill-Perit legali, l-konvenuta pprezentat diversi dokumenti fosthom kuntratti ta' self u overdrafts mal-Bank of Valletta p.l.c. li hi tghid li giet kostretta tiffirma minn zewgha taht theddida ta' vjolenza. Hi kkonfermat li billi dejn mal-Bank ma thallasx, l-istess Bank ipproceda bis-subbasta u pprezentat kopja ta' l-atti relattivi.

Zewgha kien akkwista l-propjeta' tramite s-socjeta' Hamlet Holdings Limited u kien jghaddi rizoluzzjonijiet u jaghmel kuntratti minghajr ma

[1] Fol 54

jinfurmaha. Hi la kienet taf meta giet iffurmata din l-kumpanija, u l-anqas kienet taf bl-akkwisti u t-trasferimenti ta' propjeta' tal-istess. Ma tafx fejn marru l-flus u bdiet tiskopri x'kien gara meta bdiet tfittex il-karti fid-dar qabel ma saret is-subbasta.

Il-konvenuta kkonfermat li l-attur ha diversi oggetti mid-dar matrimonjali, kemm qabel, kif ukoll wara li saru l-mandati ta' Qbid u ta' Deskrizzjoni. Diversi oggetti kienu minnu gew esposti fuq l-internet, uhud minnhom ghall-bejgh u ohrajn biex jintuzaw minnu fin-negozju li kellu tal-kiri ta' farmhouses f'Ghawdex.

Hi esebiet ir-reklami tal-kiri ta' dawn il-propjetajiet fejn jidhru diversi oggetti li kienu ittiehdu mid-dar matrimonjali.[2] Ikkonfermat li l-konvenut kien qed jiggestixxi dan in-negozju, pero' kien qed jopera f'isem missieru, Emanuel F.

Esebiet lista tal-ghamara li kienet fid-dar matrimonjali [3] kif ukoll email dwar l-affarjiet li ttiehdu mid-dar[4]. Ipprezentat ritratti li juru li l-maggior parti tal-ghamara tnehhiet mid-dar matrimonjali[5] u kkonfermat li dawn l-oggetti ittiehdu ftit qabel mar il-marixxal ghall-mandat ta' deskrizzjoni.

Xehdet li kienet ghal zmien twil vittma ta' vjolenza domestika da parti ta' zewgha, vjolenza fizika, morali u emozzjonali, u mardet serjament b'konsegwenza ta' dan, Dok AA35 sa Dok AA38.[6]

L-attur naqas milli jhallas manteniment u naqas milli jhallas ghall-medicini taghha, Dok AA37,[7] Naqas ukoll li jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri R, kif ukoll naqas li jzomm kuntatt maghha ghal zmien twil u dan incida fuq sahhitha, kif kkonfermat mic-certifikati medici DokAA39 u DokAA40.

It-tifla Alessia, li hi maggorenni, tistudja u tahdem bhala waitress biex tmantni lilha nnifisha u titlob ghall-ghajnuna finanzjarja minn-nanniet paterni.

Il-konvenuta kkonfermat li l-attur kellu diversi relazzjonijiet ma' rgiel ohra u ezebit certifikat mediku, Dok AA42, b'konferma li jbati mill-marda Hepetitis B, li hi marda li tittiehed mill-kuntatt sesswali.

---
[3] Dok AA27 u AA28
[4] Dok AA29 sa AA32
[5] Dok AA33
[6] Dok AA34
[7] Fol 330 et seq
[8] Fol 377

Il-konvenuta fid-dikjarazzjoni taghha, DokAA1,[8] ikkonfermat li bdiet tohrog mal-attur meta kellha biss sittax il-sena. Hi tilfet lill-missierha meta kellha hmistax il-sena u bdiet tahdem meta kienet ser taghlaq sittax il-sena.

L-attur kien iwassalha San Pawl, hi ma kellhiex grazzja mieghu, pero' hu kien jippersisti u spiccat bdiet tohrog mieghu. Tiddeskrivih bhala persuna li jezercita kontroll qawwi fuqha u kienet imhassba serjament fuq l-atteggjament tieghu fis-sess li ma kienx normali. Kellu fissassjoni li jaghmel certu atti sesswali fuqha, li hi ma kienitx tarhom normali, u hu l-anqas kien jagixxi bhal guvintur normali.

Hi ssemmi bhala ezempju okkazjoni partikolari meta kienu grupp ta' hbieb ikkuppjati jinnamraw, mentri hu lanqas biss wera interess fiha. Anke meta f'San Valentino, qabel izzewwgu libset indumenti intimi homor, l-anqas biss ta kasha.

F'dak iz-zmien l-attur kien kera haunt tal-hwejjeg fil-Belt u kien ordnalha li tmur tghin hemm wara x-xoghol. Hi kienet tispicca fil-5.00pm mix-xoghol taghha u kienet tahdem fil-hanut sas-7.30pm. Kienet tmur tahdem nhar ta' Sibt ukoll u meta fetah haunt f'Paceville kienet iddum sal-10.00pm. Qatt ma kien ihallasha u lanqas kien jnaqqsilha mill-prezz meta kienet tixtri xi haga ghaliha. Hu ma kienx ihalliha tixtri dak li kienet tixtieq. Kienet taghtih il-paga taghha billi kienu qieghdin ifaddlu biex jizzewgu. Darba kienu marru Citta' del Mare ma' ommu u habiba taghha, u hi xrtat flokk roza tax-xitwa mill-monti u l-attur malli sar jaf ghamel xenata shiha. Hi bkiet tant li l-habiba ta' ommu qaltilha biex titilqu. F'dik l-istess vaganza hu sparixxa ghal granet shah u hi baqghet ma' ommu u l-habiba taghha.

Hu kien tant ippersista li hi regghet marret mieghu, pero' ma' kienx jirrispettaha, anke quddiem il-hbieb kien joskuraha. Ftit qabel tgharsu kellha incident stradali fi Triq il-Kosta u farrket il-karozza taghha, spiccat l-Isptar u l-anqas biss mar jaraha. Marret ommu. Xtralha karozza Daihatsu li ma kienitx toghgobha, gieghla thallsu taghha u rregistra l-vettura fuq kumpanija tieghu Panda Ltd.

Huma tgharsu fl-4 ta' Lulju 1993 fil-Villa tal-genituri tieghu u kellhom xi 600 ruh invitati. Il-genituri tieghu pprovdew il-post u ommha li kienet armla hallset ghal kollox.

---

[8] Fol 131 et seq

Hi tghid li l-genituri tieghu kienu jirrispettawha hafna, kienet thobb hafna lin-nanna, pero' ma kellhomx gherusija romantika.

Kienu ghamlu konvenju biex jixtru maisonette f'San Gwann. L-Avukat taghha taghtha il-post ikun fuq isimha ukoll. L-attur ma riedx u waqqa' il-konvenju ghalkemm ommha kienet gja' xtrat il-kamra tal-pranzu, s-sitting room u kienet ghamlet deposit ghall-kcina.

Missier l-attur xtara bicca art ghall-oht l-attur bhala rigal ghat-tieg bil-prezz ta'LM5,000 u ried jaghmel l-istess haga mal-attur li pero' insista li tinxtara bicca art li kienet tiswa LM15,000. Bdew jibnuha u billi ma kienitx lesta meta kienu ser jizzewwgu, krew flat f'Bugibba minn ghand iz-zijiet tieghu.

Il-konvenuta iddikjarat li kienet investiet kull sold li kellha fid-dar, il-paga li kienet iggemmgha, il-flus li wiertet minn ghand missierha u anke xi flus li kienet tatha nannitha. Id-dar kienet tfisser hafna ghaliha.

Tghid li fil-honeymoon taghhom kienet ghadha vergni. Kienet hasbet li waqt l-gherusija hu ma kienx wera interess fiha ghax kien jirrispettha hafna, u fil-honeymoon attribwiet l-istess nuqqas ghax kellha il-period u ma kienitx tiflah.

Meta rritornaw Malta kellha l-ovulazzjoni u nqabdet tqila mal-ewwel, pero' ma kienitx kuntenta, anzi mdejjqa ghall-ahhar. Zewgha hadilha c-cheque book, bilkemm kien jaghtiha flus, tant li lanqas kien jkollha flus biex tixtri l-vitamini li kellha bzonn.

Hi wafqet tahdem ftit qabel twieldet it-tifla T. Hu ma kienx ihalliha tmur tahdem pero' hi kienet tmur tghin fil-hwienet bit-tifla hdejha fil-playpen. Darba kienet qed tizbarazza xi kaxxa u sabet DVD ta' rgiel ommosesswali jaghmlu atti sesswali bejniethom. Dan kien 'shock' ghaliha. Staqsietu ghal spjegazzjoni u qalilha li kienet ta' kugin ta' xi hadd li jaf u li gieli hadem hemm.

Dwar l-intimita' l-konvenuta tiddiskrivi r-relazzjoni taghhom bhala 'hopeless'. Kienet tixtri l-'condoms' ghax qatt ma hassitha 'safe' mieghu, pero tant ma kienx jkollhom x'jaqsmu li kienu jiskadu. Tghaddi sena, sentejn u ma kienx jkollhom x'jaqsmu darba.

Meta binthom T kellha sentejn espremiet x-xewqa li jkollhom tarbija ohra. Tghid li tant kien att mekkaniku li tiftakar ezatt meta t-tieni tarbija R giet ikkonceputa. Kienet dejjem tikbi. Meta twieldet R l-attur kien dispjacut ghax xtaq tifel u kien biss wara certu zmien li beda jhoss imhabba lejn bintu.

Kienu jghixu fil-biza, l-attur kien isiefer ta' spiss u dan kien l-uniku zmien fejn kienet thoss il-paci.

Il-flus dejjem kienu problema ghaliha, qatt ma kien ihalliha tixtri xejn, kien jixtri biss dak li ried hu u meta ried hu. Kien jghidlha li ma kienet tiswa xejn u jekk qatt titilqu kien determinat li ma jhallilha l-ebda oggett. Kien jghidlha li ma kellha xejn taghha lanqas l-hwejjeg li tilbes.

L-akbar dispjacir u frustrazzjoni ghall-konvenuta kienet l-orjentazzjoni sesswali tal-attur. Hi kienet tisimghu jitkellem tard bil-lejl ma' rgiel ohra u kienet torqod imbikkma u thossha kera u inutili. Is-segretarja tieghu, Manolita kienet taf li hu gay, pero' hi dan saret tafu recentement. Hi minn dejjem kellha d-dubji taghha, izda wara li kkuntratta il-marda 'Hepatatis B' hu kien ammetta maghha li kien mar ma' ragel ghalhiex kellu kurzita. Kemm il-darba fethet il-laptop tieghu u jkun hemm videos ta' natura pornografika bejn l-irgiel. Hu kien abbonat ma' diversi siti pornografici. Ghandha ukoll kopji ta' konversazzjonijiet li hu kellu ma rgiel gay.

Darba, ftit qabel ma siefer fuq xoghol ghal fiera dwar l-ivvjaggar, kienet sabet messagg esplicitu minn ghand ragel iehor fejn b'entusjasmu esprima l-att li kien bi hsiebu jaghmel mieghu. Dan kien disgustanti ghall-konvenuta li mbikkma cemplet lill-ommu li taghtha l-parir biex tmur Londra mieghu. Ir-reazzjoni tal-attur kienet li jekk tmur mieghu Londra hu ma kienx ser ihallas ghat-trasport tal-iskola tat-tfal.

Il-konvenuta ssemmi ukoll okkazzjoni meta l-attur mar fuq cruise ma' grupp ta' agenti u qaghad f'kamra ma' ragel gay. Habiba taz-zija taghha, Madeleine De Martino, kienet qalet liz-zija taghha li darba minnhom l-attur u dan ir-ragel baqghu ma hargux mill-kamra taghhom. Il-konvenuta ddikjarat li l-attur ried jbiegh il-kumpanija tieghu lil KDM Group of Companies izda r-ragel ta' Madeleine De Martino kien induna li l-attur kien qed jipprova jithaq bih. Hu kien jipprova jidhaq b'kulhadd.

Baqghet mieghu ghax it-tfal kienu ghadhom ta' eta' zghira u ma kienx possibbli ghaliha li tohrog tahdem u trabbi zewgt itfal li kienu jattendu skola privata. Ommha kienet tinsisti maghha dwar dan. L-attur man-nies kien jaghti l-impressjoni li z-zwieg kien perfett.

Iddikjarat illi l-minuri R tghix maghha bejn il-Gimgha u l-Hadd, u kull nhar ta' Erbgha u bejn il-Gimgha u l-Hadd l-attur kien jisparixxi billi kien jmur Ghawdex u ma kienx jaghti kaz tat-tfal. Hi naturalment kuntenta li t-tfal

jghixu maghha, pero' maghha jinhtieg li jkunu preparati li jghixu ta' fqar. Kellhom dar sabiha pero' hi kellha titlaq ghax kienet tibza minnu.

Il-konvenuta, fl-affidavit addizjonali, DokAA2,[9] ikkonfermat li l-attur hareg Polza tal-Assikurazzjoni fuq id-dar taghhom 164, Triq il-Ghaqda, Mellieha fl-10 ta' Ottubru 1995

Dwar is-socjeta' Fantacy Tours tghid li qatt ma ghinet fiha billi ma kienitx thossha komda. Ghamlet xi zmien tghix fit-Tunezija, gewwa Carribean World. Kien poggiha hemm f'lukanda bit-tfal ghal tlett gimghat bla flus. Is-sena ta' wara gara l-istess haga, l-attur qalilha biex tmur it-Tunezija ghall-gimgha u spiccat baqghet hemm ghal tlett gimghat. Meta l-attur kien jmur izurhom fit-Tunezija ghalkemm kien jasal filghodu, ghandhom kien jmur filghaxija u hi ssusspettat li kellu boyfriend hemmhekk. Fit-Tunezija l-konvenuta kienet tipprova tibbukja kamra ghalihom it-tnejn biss, pero' hu qatt ma kien ikun interessat fiha u kien igieghla thoss li hi kera u dizgustanti.

L-ahhar relazzjoni sesswali bejniethom kienet wara hafna snin, kienu marru Dubai ghat-tieg ta' kugin tieghu fl-Awstralja, f'Mejju 1997 u wara qatt ma kienu intimi bejniethom.  Kienet iddisgustata bih u kienet tibza li setghet tiehu l-marda li kellu.

Meta mardet l-ispecjalisti kienu jinsistu maghha biex titlaq lill-attur. Meta kella 'cancer' membri tal-MMDNA kienu jaghtuha injezzjoni billi kellha livell baxx ta' celloli bojod fid-demm. Nurse minnhom indunat li l-konvenuta kienet qed issoffri minn abbuz psikologiku, irriferewha ghall-Appogg u rieduha tmur tghix go 'shelter'.

Hi ma felhitx aktar meta saret taf li kien seraq partita nies mill-vaganzi taghhom. Dakinhar l-attur kien mar d-dar b'mazz shih ta' flus u qalilha li kellu kollox ippjanat, jmorru ghall-vaganza Thailand u wara jmorru jghixu fl-Awstralja. Fil-fehma taghha l-attur kien qed jiggennen. Meta kellmuh il-Pulizija beda jigdeb kemm jiflah. Binthom iz-zghira kienet sabet il-flus taht s-sufan, u l-ghada missieru gie ghalihom. Il-konvenuta ma kienitx taf li l-flus kienu mohbija hemmhekk. Ma rieditx ikollha x'taqsam ma' flus misruqa pero' kienet inkwetata kif ser tghix billi kien jaghtiha biss €650 fix-xahar u minnhom kellha thallas ghal kollox.

Darba kienet hadmet bhala extra f'xi film u l-attur insista li taghtih il-flus li qalghet. Meta rrifjutat tajjarha b'karozza gdida li kien ghadu kif xtara,

[9] Fol 134

Peugeot 206 convertible. Hu ghandu ukoll karozza BMW X3 bajda li jahbi ghand ohtu.

Il-konvenuta fl-ittra taghha indirizzata lis-Sur Cassar White, Chairman tal-Bank of Valletta p.l.c. DokAA3[10] iddikjarat li zewgha kien gideb kemm mal-awtoritajiet kif ukoll mal-avukati tal-partijiet u mal-espert tal-Qorti. Minhabba l-atteggjament tieghu, hi u bintha kienu qed jghixu bhal 'gypsies' u t-tifla l-kbira kienet ukoll imdejqa billi kienet man-nanna, li ma kellhiex post ghaliha. Hi staqsiet jekk il-Bank kellhux xi 'charitable policy' billi joffrulha post fejn tista' tghix, billi hi kienet qed tispera li d-dar tinbiegh u mir-rikavat tkun tista' tixtri appartament b'zewg kmamar tas-sodda. Kienet marret il-Bank biex tigbed il-ftit flus li kellha f'isimha, xi €400 u zewg poloz tat-tfal li pero' kienu ibblukkjati, flus li kienet ilha ggemma minn mindu kienu tfal. Partikolarment it-tifla l-kbira kellha bzonn il-flus billi kienet qed tistudja fl-Universita' u meta jkollha il-hin tahdem bhala waitress 'part time' billi missierha ma jaghtihiex flus.

Hi ddikjarat li l-attur biddel s-serraturi tad-dar Mistral, 164, Triql-Ghaqda, Mellieha u meta marret fuq il-post mal-marixxal skopriet li l-bicca l-kbira tal-affarjiet kienu tnehhew mill-post. Kienet marret fuq il-post flimkien mal-avukati tal-partijiet u l-Perit nominat mill-Qorti bhala medjatur biex il-partijiet jaqsmu l-oggetti mobbli bejniethom. Kull min kien presenti seta' jirrealizza li l-attur kien zarma d-dar ghalkemm baqa' jichad. Hi talbet li tinghata awtorizazzjoni mill-Bank biex tiehu l-oggetti propjeta' taghha mid-dar u billi ma kellhiex flus, talbet li tinghata permess tirtira l-ftit flus li kellha fil-Bank.

Il-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu pprezentata fl-1 ta' Gunju 2017 u mahlufa fil-11 ta' Lulju 2017,[11] wasal ghall-konkluzjoni li l-attur rrenda ruhu hati ta' adulterju fil-konfront tal-konvenuta martu u li din kienet il-kawza tat-tifrik taz-zwieg. L-agir tal-attur, in oltre, jammonta ghall-mohqrija u sevizzi partikolarment in vista tal-fatt li dan l-agir kien ripetut fuq medda ta' zmien. Skond il-Perit Legali d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48,51,53 u 54 tal-Kodici Civili ghandhom japplikaw fil-konfront tal-attur.

Dwar il-kura u l-kustodja tat-tfal, billi dawn huma illum maggorenni tali talbiet saru irrelevanti.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti, l-Perit Legali kkonkluda li din ghandha tigi xjolta u ssuggerixxa li l-konvenuta 'arbitrio boni viri' ghandha tinghat kumpens ta' Euro sitta u ghoxrin elf, erba' mija u hamsa u tlettin (€26.435).

---

[10] Fol 136

[11] Fol 475 et seq

Dwar id-dar matrimonjali kkonkluda li ma ghandu jittiehed l-ebda provvediment billi din giet trasferita lill-Bank of Valletta p.l.c. wara subbasta in sodisfazzjon tad-djun inkorsi mill-partijiet.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Bhala rassenja sommarja tal-fatti jinghad dan li gej:-

Il-partijiet izzewgu fit-3 ta' Gunju 1995 u kellhom zewgt itfal, T li twieldet fit-22 ta' Frar 1996 u R li twieldet fit-30 ta' Ottubru 1998. L-attur qed jitlob li tigi dikjarata s-separazzjoni personali ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, u fit-tieni premessa tar-rikors guramentat jallega li z-zwieg tkisser minnhabba adulterju, sevizzi, theddied u ingurji ohra da parti tal-konvenuta. Il-konvenuta ma topponix li tigi dikjarata s-separazzjoni personali, izda dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attur rikonvenzjonat.

Irrizulta li l-partijiet bdew johorgu flimkien meta l-konvenuta kellha biss sittax (16) il-sena. Kienu saru jafu lil xulxin billi l-attur, li kien jghix il-Mellieha kien jaghtiha 'lift' sa San Pawl il-Bahar. Hi tghid li ma tantx kellha grazzja mieghu, pero' hu kien persistenti u spiccaw johorgu flimkien. Hi kellha impieg regolari u wara x-xoghol kienet tmur tghin fil-hwienet tieghu minghajr ebda hlas. Hu tant kien dominanti li kkonvinciha taghtih il-paga kollha taghha biex jfaddlu u jixtru post. Hi bdiet tirrealizza li ma kienx korrett u lejali maghha meta irrifjuta li jiffinallizza konvenju ghall-akkwist ta' maisonette f'San Gwann. Hu ma kienx kuntent li l-post jinxtara f'isimhom t-tnejn. Wara, anke bi flusha, xtara bicca art fil-Mellieha u fuqha bnew id-dar matrimonjali.

Irrizulta sodisfacentement illi l-attur ftit li xejn kien interessat li jkollu intimita' ma' martu. Irrizulta li l-attur kien fil-pussess ta' materjal pornografiku bejn rgiel omosesswali; il-laptop tieghu kien mimli b'materjal pornografiku ta' omosesswali, il-konvenuta rat messagg ta' ragel indirizzat lil zewgha li ddikjara li kien ecitat x'ser jaghmlu flimkien meta ikunu fuq vjagg flimkien, u saret taf li fil-vjagg raqad fil-kamra ta' ragel 'gay' u gurnata minnhom baqghu fil-kamra gurnata shiha. Ir-relazzjonijiet adulteri tal-attur huma konfermati mill-prova li l-attur ikkontratta l-marda Hepatitis B, marda li hi trasmessa mill-kuntagg sesswali. L-attur ammetta ma' martu li kellu relazzjonijiet intimi ma' ragel iehor izda allega li dan ghamlu biex jissodisfa l-kurzita' li kellu dwar relazzjoni ta' din ix-xorta.

Il-Qorti qed tikkonkludi illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba adulterju kommess mill-attur.

Filwaqt li l-attur allega li z-zwieg tkisser minhabba l-adulterju, sevizzi, theddied u ingurji ohra da parti tal-konvenuta fil-konfront tieghu, ma ressaq l-ebda provi sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu.

**Kura u Kustodja tal-Minuri.**

Irrizulta li bint il-partijiet T twieldet fit-22 ta’ Frar 1996, hi illum ghalhekk ghandha 21 sena; u it-tifla R twieldet fit-30 ta’ Ottubru 1998, hi illum ghalhekk ser taghlaq 19 il-sena.

Iz-zewgt itfal huma illum maggorenni u ghalhekk mhux il-kaz li jittiehed xi provvediment dwar il-kura u kustodja taghhom.

**Manteniment.**

Il-manteniment jithallas skond il-mezzi ta' min hu obbligat ihallsu u skond il-htiegijiet ta’ min ghandu dritt jircevi l-manteniment.

Fil-waqt li irrizulta mill-provi li T qed isegwi kors fl-Universita’, ma rrizultax jekk R hux qed isegwi ukoll xi kors fuq bazi ‘full time’.

Dwar il-mezzi tal-attur, ghalkemm n-negozju tal-Fantacy Tours falla, rrizulta li l-attur jikri numru ta’ farmhouses f’Ghawdex li jinkrew bir-rata ta’ Euro hamsa u tlettin (€35) kull jum ghal kull persuna.

Bis-sahha tal-Artikolu 3B (2) (a) l-attur ghandu jigi ordnat jhallas manteniment fil-konfront ta' bintu T sakemm din tibqa' studenta full-time u sakemm taghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena.

Dwar manteniment ghall-konvenuta rrizulta li din soffriet minn’ovarian cancer’, kellha zewg puplesijiet u ghandha spejjez konsiderevoli ta’ medicini, u l-kodizzjoni prekarja ta’ sahhitha tipprekludiha milli tohrog tahdem.

L-attur ghandu ghalhekk jigi ordnat li jhallasha manteniment adegwat ghall-htigijiet taghha. Wara li qieset il-provi kollha mressqa l-Qorti tqis illi l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta manteniment is-somma ta' €500 fix-xahar bhala manteniment ghaliha, oltre s-somma ta'

**Komunjoni tal-Akkwisti.**

Il-konvenuta pprezentat elenku tal-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, Dok AA29 sa Dok AA32, li kienu jinsabu fid-dar matrimonjali. Ipprezentat ukoll Dok AAX3 prospett tal-oggetti tal-komunjoni bhal ghamara u vetturi, flimkien mal-valuri taghhom, uhud minnhom l-attur bieghhom jew poggihom fil-farmhouses f'Ghawdex li jikrihom. Il-konvenuta ddikjarat li l-valur tal-oggetti elenkati jammonta ghal Euro mija u tminja u hamsin elf, sitt mija u ghaxra (€158,610).

Kif korrettement ikkonkluda il-Perit Legali ma tistax issir verifika oggettiva ta' dawn l-istimi izda mill-banda l-ohra l-attur naqas milli b'xi mod jikkuntrasta x-xhieda tal-attrici fir-rigward.

In tema legali fir-rigward tal-apprezzament tal-provi rilevanti ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 1966 fl-ismijiet '**Farrugia vs Farrugia**' fejn jinghad illi:-

"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."

Fis-sentenza "**Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (Appell Civili - 5 ta' Ottubru 2001) gie ritenut illi:- "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjoni tieghu u ghall-passjoni, huwa haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad "tot homines tot sentetiae", u lanqas ma jkun gej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq incidenti li jigru u jintemmu malajr u ghall-gharrieda e.g. identita', velocita' ta' veikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghall-kuntrarju dan dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin bhal f'dan il-kaz, allura isir car li wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni tieghu jeghlbuh u b'hekk jabbuza mill-process gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza,

ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabilita' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall konvinciment tal-gudikant".

Fis-sentenza "**Joseph Tonna vs Philip F**" (Appell Civili Inferjuri - 12 t'April, 2007) inghad illi:- "In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn: a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-att migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5. b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577; c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat; d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)".

Il-konvenuta qed titlob minghand l-attur nofs il-valur tal-mobbli minnha elenkati. Il-Qorti qeghda hawnhekk tiddipartixxi minn dak suggerit mill-abbli Perit Legali. F'dan ir-rigward il-Perit Legali qed jirrakomanda li l-Qorti tillikwida arbitrio boni viri s-somma ta' sittax u ghoxrien elf, erba' mija u hamsa u tletin ewro (€26,435) minflok l-ammont minnha reklamat. Il-Qorti pero' ma tara' l-ebda raguni ghaliex ghandha tirrikorri ghal-likwidazzjoni arbitrio boni viri meta l-prova imressqa mill-attrici ma giet bl-

ebda mod kuntrastata u fuq bazi ta' probabilita' hija verosimili tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Jirrizulta abbundantement illi l-attur ghal zmien twil kellu dhul sostanzjali sew min-negozju tieghu kif ukoll mill-kirijiet ta' diversi proprjetajiet. Il-verzjoni tal-konvenuta rikonvenzjonanti ma giet bl-ebda mod skossata mill-attur u ghalhekk il-Qorti qed tikkonsidra li l-konvenuta rikonvenzjonanti irnexxielha tipprova sal-grad li trid il-ligi u fuq bazi ta' probabilita' illi l-valur tal-mobbli appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti jammonta ghal mija u tmienja u hamsin elf, sitt mija u ghaxar ewro (€158,610) u ghalhekk qed tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenuta rikonvenzjonanti s-somma ta' disgha u sebghin elf, tlett mija u hames ewro (€79,305)..

**Id-Dar Matrimonjali.**

Irrizulta li d-dar matrimonjali, l-villa 164, Mistral, triq il-Ghaqda, Mellieha inbieghet bis-subbasta lill-Bank of Valletta p.l.c. fl-4 ta’ Novembru 2014 li offra s-somma ta’ Euro sitt mija u sittin elf (€660,000) animo compensandi.[12]

Ghalhekk dik li kienet id-dar matrimonjali tal-partijiet m'ghadiex illum tifforma parti mill-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi t-talbiet attrici u dawk rikonvenzjonali u tiddisponi mill-eccezzjonijiet sollevati mill-partijiet billi:-

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici u tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali, tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attur rikonvenzjonat minhabba adulterju;

2. Tilqa’ t-tieni talba tal-attur u tawtorizzah jghix separat mill-konvenuta martu;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici u r-raba’ talba rikonvenzjonali dwar il-kura u kustodja tat-tfal T u R, billi dawn illum maggorenni;

[12] Fol 106

4. Tichad r-raba', il-hames u s-sitt talba attrici.

5. Tichad parzjalment is-seba' talba tal-attur fejn talab il-konsenja mill-konvenuta tal-beni dotali u parafernali tieghu, billi ma saret l-ebda prova dwar l-istess, u tilqaghha in kwantu talab li jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu sakemm dawn jinsabu gia' fil-pussess tieghu;

6. Tichad it-tmien talba tal-attur fejn talab li l-konvenuta tigi kkundannata telenka u tirritorna l-oggetti kollha li kienu fid-dar konjugali u jinsabu illegalment fil-pussess taghha billi ma saret l-ebda prova dwar din l-allegazzjoni;

7. Tichad id-disa' talba tal-attur fejn talab li jigu likwidati l-krediti parafernali tieghu billi ma saret l-ebda prova dwar l-istess;

8. Tilqa' parzjalment l-ghaxar talba tal-attur u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti izda tichadha fil-kumplament; tilqa' s-sitt talba rikonvenzjonali u tordna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenuta rikonvenzjonanti s-somma ta' disgha u sebghin elf, tlett mija u hames ewro (€79,305). Tapplika kontra l-attur is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

9. Tichad il-hdax it-talba tal-attur fejn talab li jigi awtorizzat jokkupa d-dar taz-zwieg flimkien mat-tfal.

10. Tilqa' t-tnax il-talba tal-attur u tawtorizzah jirregistra fir-Registru Pubbliku din is-sentenza;

11. Tichad it-tlettax il-talba tal-attur li l-konvenuta tigi prekluza milli tkompli tuza il-kunjom F stante li ma ressaq l-ebda raguni valida fir-rigward.

12. Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali u tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat iddekada mid-dritt li jircievi manteniment minghand martu;

13. Tilqa' t-tielet talba rikonvenzjonali u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenuta rikonvenzjonanti manteniment fl-ammont ta' hames mitt Euro (€500) fix-xahar bhala manteniment ghall-konvenuta pagabbli kull l-ewwel tax-xahar u li jizdied kull sena skond l-Indici tal-Inflazzjoni pubblikat mill-Gvern;

14. Tilqa’ il-hames talba rikonvenzjonali u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallas lill-konvenuta rikonvenzjonanti s-somma ta' tlett mitt Euro (€300) fix-xahar bhala manteniment ghal wild tal-partijiet T sakemm tibqa' studenta *full-time* u sakemm taghlaq tlieta u ghoxrien (23) sena, li jithallas kull l-ewwel tax-xahar u jizdied kull sena skond l-Indici tal-Inflazzjoni;

15. Tichad it-tmien talba rikonvenzjonali billi ma saret l-ebda prova li l-attur ghandu fil-pussess tieghu beni parafernali jew dotali tal-konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat.

**Imhallef** **Deputat Registratur**